KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 74

l-erbgħa u sebgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 18 ta' Ottubru 2017 fis-6.21pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** | Anthony Chricop | Sindku |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

*74.1 Qari tal-ittri ta' apologiji ;*
*74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ;*
*74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku ;*
*74.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ;*
*74.5 Rapporti ;*
*74.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u /jew Sotto Kumitati;*
*74.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*74.8 Mozzjonijiet ;*
*74.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

***Peress li s-Sindku kien indispost għal din is-seduta, il-Viċi Sinku K. Busietta ppreseda din il-laqgħa.***

## 74.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

74.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ittri ta' apoloġiji tas-Sindku A. Chircop, il-Kunsilliera D. Muscat u P. Radmilli li jiġu skuzati minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil dwar dan.

## 74.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

74.2.1 Il-Viċi Sindku ressaq il-minuti 73 tas-seduta 26 ta' Settembru, 2017 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

74.2.2 Il-Kunsillier M. Briguglio talab li tizdied il-frazi 'daħal lura għas-seduta fis-7.47pm' wara punt 73.4.7.

74.2.3 Il-Viċi Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet mitluba. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. *Approvazzjoni tal-minuti 73_26/09/2017*

## 74.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU/VICI SINDKU

74.3.1 Il-Viċi Sindku ressaq kommunikazzjoni minn kumpanja ta' *cash in transit* fejn talbu li jkollhom aċċess għal Triq Bisazza għaliex is-servizz jingħata f'ħinijiet varji u l-kundizzjonijiet tal-haddiema huma *Triq Bisazza*

tali li l-flus iridu jingabru minn quddiem il-bieb tal-hanut. Kien hemm qbil li jingħata l-aċċess ghaliex dan huwa servizz ta' sigurta. Il-Viċi Sindku qal li importanti naraw min għandu aċċess għal dan il-*code* għaliex qiegħed ikun hemm min jabbuza u l-code isiru jafuh nies li ma jkollhomx bzonn. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li hemm *code* li jafuh biss persuni bil-permess speċjali u hemm *code* ieħor komuni ghal Malta kollha li jintuza għal kaz ta' emerġenza. Kien hemm qbil li naraw lil dawk il-karozzi li qegħdin jidħlu xorta meta m'għandhomx permess u nibgħatu *warning* permezz tal-avukat fejn ninfurmaw li jekk jerġa jinqabad, jintbgħat rapport lill-pulizija.

74.3.2 Il-Viċi Sindku ressaq kommunikazzjoni minn *Costa Cafe* fejn offrew li jagħtu *sponsorship* għal *refreshing* ta' *zebra crossings* u jizbghu C*osta* biz-zebgħa fuq iz-*zebra crossing*. Il-Kunsillier P. Portelli issuġġerixxa li jitpinga wkoll 'look left, look right' . Kien hemm qbil dwar dan kollhu fost il-Kunsilliera prezenti. *Sponsorship – Zebra Crossing*

74.3.3 Il-Viċi Sindku ressaq kommunikazzjoni mill-*Works and Infrastructure Department* fejn infurmaw lill-Kunsil li l-funtani ta' Qui Si Sana se jaqgħu taħt ir-responsabbilta tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li se jara li huma in *good working condition* qabel ma niffirmaw ghal din ir-responsabbilta gdida. *Funtani Qui Si Sana*

74.3.4 Il-Viċi Sindku fakkar dwar il-qlib tat-triq fi Qui Si Sana li kellu jsir biex ikunu jistgħu jimtlew il-ġibjuni bl-ilma tax-xita. Qui Si Sana

74.3.5 Il-Kunsill ġiet infurmat li dwar punt 73.3.10 fuq id-*drinking fountain* ta' Fond Għadir għaddeja kommunikazzjoni mal-ARMS u l-avukat. Il-Kunsill għad irid jirċievi risposta mill-ARMS u l-Kunsill se jara sa fejn jista jasal. *Drinking fountain*

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw għas-seduta fis-18.37*

74.3.6 Dwar il-proġett tas-siġar fi Triq Dingli, il-Kunsill ġie infurmat li l-perit issuġġerixxa li ssir *summary application* li din tiġi deċiza fi zmien sitt ġimgħat. Kien hemm qbil dwar dan. *Proġett Triq Dingli*

74.3.7 Dwar punt 73.4.1 dwar is-servizzi ta' knis u gbir ta' skart goff, is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-*warning* lill-kuntrattur intbgħat. Saret ukoll laqgħa mal-kuntrattur fil-prezenza tal-*contracts* Tindif

*manager* u prezenti kien hemm ukoll is-Sindku, l-Kunsillier J. Pillow flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv. Dwar is-servizz ta' gbir ta' skart goff il-kuntrattur infurmana li issa qabbad *sub-contractor* biex is-servizz ikun jista jingħata fil-hin. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet tajjeb li l-*contracts manager* jibqa jagħmel *monitoring* sabiex insegwu li s-servizzi qegħdin jingħataw kif suppost.

74.3.8 Il-Kunsill ġie infurmat li l-*camera* għal fejn *bring in site* fi Qui Si Sana wasslet u se tiġi stallata l-ġimgħa d-dieħla. *Camera*

74.3.9 Il-Kunsill ġie infurmat li l-proċess dwar il-proġett li ssema f'punt 73.8.1 fl-aħħar seduta miexi b'mod tajjeb. *EU Project TCN parents*

74.3.10 Il-Kunsill ġie infurmat li qiegħed isir progress fix-xogħol ta' restawr fuq il-pont ta' Triq Manwel Dimech. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li sar xi kambjament fit-*traffic management* u f'*parking bays*. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw issuġġeriet li jekk ikun lest għal zmien il-Milied jista jsir xi tizjin jew nikkombinaw xi attivita. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li xogħol huwa pjanat li jitlesta ghall-bidu ta' Jannar 2018. Is-Segretarju Ezekuttiv informa wkoll li kellem lill-Perit Edward Said jekk jistax jitpoġġa u jiddizinja *railing* addatat għal fuq il-pont biex ikun hemm aktar sigurta. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera prezenti biex nitolbu stima u dizinn ta' dan ir-*railing* lill-Perit Edward Said. *Xogħol fuq il-pont ta' Manwel Dimech*

74.3.10 Dwar punt 73.4.2 ta' l-aħħar seduta dwar il-problema tal-ħamiem, is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li jekk jafu b'indirizzi fejn jistgħu jitpoġġew il-gaġġeġ jghadduhom lill-ufficju. *Hamiem*

## 74.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

74.4.1 Il-Kunsilliera M. Aquilina infurmat li l-attivita ta' *Pink October* kienet waħda pozittiva fejn kienu prezenti hi flimkien mal-Kunsilliera L. Cassar Shaw u V. Galea Pace. Is-Sinjura Michelle Muscat tgħat plakka lill-Kunsill u infurmat li se tiġi mogħtija siġra biex tiġi imħawwla u magħha inwaħħlu ukoll plakka relata ma' din l-attivita. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw irrimarkat li d-dawl ma kienx daqshekk effettiv kif deher fuq *facebook*. Ġie nnotat li forsi seta tellef il-*floodlight* b'dawl abjad li hemm ta' hanut partikolari. Il-Kunsilliera Aquilina issuġġeriet li forsi għal darb'oħra jista jinbiddel il-lok ta' dan id-dawl dekorattiv. *Pink October*

74.4.2 Il-Kunsill ġie infurmat li l-preparamenti għall-attivita ta' Tas-Sliema Wirt u Niesha għaddejjin b'mod tajjeb. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-programm huwa lest u l-Kunsillier D. Muscat ħadem ħafna għal din l-attivita. *Tas-Sliema Wirt u Niesha*

74.4.3 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irrimarkat dwar il-laqgħa pubblika li saret f'Ottubru 2017. Kien hemm qbil li din tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss u tkun punt fuq l-Agenda. Laqgħa pubblika

74.4.4 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hemm bzonn nieħdu ħsieb dawk il-kuntratturi li qegħdin jagħmlu l-ħsara fuq il-bankini/toroq. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li saret ħsara fi Triq Carmel fejn hu kellem lill-kuntrattur u ammetta l-ħsara li għamel u se jkun qiegħed jikteb bl-avukat ghall-ispejjes. Il-Kunsilliera M. Aquilina irrimarkat ukoll li għanda kurduna mfarrka quddiemha fi Triq Blanche Huber. Is-Segretarju Ezekuttiv se jinzel jara. *Xogħol ta' kostruzzjoni*

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow għas-seduta 18.56*

74.4.5 Il-Kunsillier M. Briguglio irrimarka li hemm bzonn ta' manutenzjoni għas-*slide* tal-bandli ta' taħt it-Torri. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ahjar tali spejjes jigu l-ewwel diskussi fil-Kumitat tal-Finanzi. *Manutenzjoni bandli*

74.4.6 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw irrimarkat li hemm bandla oranġjo fi Gnien Bonello Du Puis li hemm bzonn tiġi irranġata. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li din kienet diġa saret, u għandu jerġa jinzel jiċċekkja biex terga tisewwa mill-haddiema. Bandla Qui Si Sana

74.4.7 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li s-sistema CCTV fi Gnien Bonello Du Puis mhux qegħda taħdem. Huwa fakkar li din kellha tiġi mqabbda mal-ufficċju ħalli jekk ikun hemm ħsara nindunaw mill-ewwel. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jiċċekja mal-avukat jekk din tistax tiġi mqabbda mal-ufficju minħabba ragunijiet ta' *data protection*. Il-Vici Sindku qal li ser jicerifika dwar dan ma avukat kompetenti. *CCTV GBD*

74.4.8 Il-Kunsillier P. Portelli informa li *scheduled posts* fuq facebook dwar il-ħinijiet tal-gbir ta' skart qegħdin jidhru.

74.4.9 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet jekk il-Kunsill hux qiegħed jipparteċipa fl-iskema ta' gbir ta' 'Tetra Pak'. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-koperattiva GreenPak għada kif tefgħet id- *Greenpak*

dokument taghha bghas-sejha tal-offerti li hareg il-Kunsill għax il-kuntratt kien skada u se jkun qiegħed jara d-dettal ta' dawn il-proposti aktar tard mal-Kumitat. Kien hemm qbil li din tkun inkluza ghad-diskussjoni fis-seduta li jmiss.

74.4.10 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irrimarkat dwar il-ġbir ta' skart tal-ħwienet fi Triq Bisazza għaliex dan qiegħed isir kmieni filgħodu fil-5.00am u qiegħed ikun ta' inkonvenjent għar-residenti. Il-Kunsill għandu jkellem lill-Plaza dwar dan ghaliex jidher li t-trakk huwa taghhom. *Gbir ta' skar – kummerċjali*

74.4.11 Il-Kunsilliera V. Galea Pace reġgħet saqsiet dwar il-latrini pubblici li jkellhom isiru ix-Xatt. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hemm proġett pjanat mill-Kunsill, fejn hemm ħsieb li jkun hemm tlett skips bit-tined biex iservu għall-iskart tal-*coffee shops* tax-Xatt, flimkien ma' latrina publika gdida. Il-pjanti huma lesti, u dan wara numru ta' laqghat li saru mal-Perit. Is-Segretarju qal li s-Sindku huwa tal-hsieb li dan il-progett jigi propost lit-Tourism Zone Foundation. Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv ser jiprovaw jiltaqgħu mal-Ministru tat-Turizmu biex imexxu fuq dan il-progett. *Latrina pubblika – Ix-Xatt*

74.4.12 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li għadej l-proċess mal-PA ghall-finanzjament biex issir Triq Guze Howard. Prezentament, qeghdin nistennew mis-CDRT japprovaw il-pjanti taghna. *Triq Guze Howard*

74.4.13 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar Triq Sant' Elena jekk għadniex risposta għax kellha tgħamel l-asfalt Transport Malta. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li s-Sindku kellem lill-Perit Vassallo induna bl-emerġenza tagħha u suppost se jinkludiha ma' dawk l-urġenti. Il-Kunsillier J Pillow qal li huwa infurmat li ser issir. *Triq Sant'Elena.*

74.4.14 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li x-xogħol fi Triq il-Kbira pjanat li jsir is-sena id-diehla. Filfatt, diġa beda l-proċess mal-*Water Services Corporation* u spjega l-pjan tax-xogħol hu li se jkun hemm tlett *mains* tal-ilma u l-ispiza ta' dawn tinqassam. Wara li titlesta Triq Guze Howard tibda Triq il-Kbira, dan dejjem, jekk il-PA taqbel li tghati l-finazjament ghal dan il-progett. *Triq il-Kbira*

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fis-19.12*

74.4.15 Kien hemm qbil li l-kumitat dwar il-*bins* jiltaqa biex jiġi diskuss fejn se jitwaħħlu. Il-Kunsill għandu jibgħat email lill-Kunsilliera *Bins*

inkarigati minn dan.

74.4.16 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq stimi relattati mal-proġett tal-EU TCN, dwar is-servizzi ta' stampar relatati. Kien hemm qbil li tintgħazel l-irħas offerta ta' Dormax Press. *EU Project TCN*

74.4.17 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq stimi ta' *laptop* għall-istess proġett. Kien hemm qbil li s-Segretarju Ezekuttiv u Project Leader jagħzlu l-irħas offerta li tilhaq l-i*specifications*. *EU Project TCN*

**74.5 RAPPORTI**

74.5.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

**74.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

74.6.1 Kien hemm qbil li l-kumitat tal-finanzi għandu bzonn jiltaqa'. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw issuġġeriet li jiltaqa ftit qabel is-seduta li jmiss. Kien hemm qbil li tiġi kkordinata laqgha. *Kumitat tal-finanzi*

74.6.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li fi Triq Bisazza ma nistgħux naraw min qiegħed jagħmel ħsara lill-*barri*er minħabba tabella li hemm imwaħħla quddiem il-*camera*. Kien hemm qbil li l-*pole* għandu jitressaq u t-tabelli jigu organizzati ahjar. *Triq Bisazza*

**74.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

74.7.1 Dwar il-pagament numru 71 dwar il-*manhole* fi Triq Sant Antnin ġie nnotat li l-ħsara saret minn zvilupattur. Is-Segretarju Ezekuttiv kien ilu jitlobhom biex issir ix-xogħol u dan baqa' ma sarx. Il-Kunsill kellu jagħmilla hu stess minħabba l-perikolu. Sadanittant il-Kunsill se jkun qiegħed jitlob ghall-ħlas lura.

74.7.2 Dwar il-pagament numru 73 dwar xogħol ta' ħsara li saret fi Triq il-Karmnu ġie nnotat li kien hemm rampa perikoluza.

74.7.3 Is-Viċi Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti. Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris proponiet l-approvazzjoni. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil mill-Kunsill u l-pagamenti tal-kontijiet gew approvati. ***Approvazzjoni tal-pagamenti***

**74.8 MOZZJONIJIET**

74.8.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

**74.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

74.9.1 Is-seduta intemmet fis-19.32. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 23 ta' Novembru 2017 fis-6pm.

Minuti approvati llum 23 ta' Novembru 2017

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |